**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil**

**Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Matthew Camilleri**

**Kumpilazzjoni 437/2012**

**Illum hamsa (5) ta' Lulju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Matthew Camilleri** iben Joseph u Emanuela nee Montebello, imwieled nhar is-sittax (16) ta' Novembru tal-elf, disa' mija u sitta u tmenin (1986) u residenti "Supreme Garage", Triq San Albert, Gzira, Malta detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 529286 (M) fejn gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer,

matul il-lejl ta bejn nhar l-4 u l-5 t' April 2012 mill fond Baxa Buildings, Triq Valletta Mosta, Malta:

1. ikkometta serq ta' laptop, generator, 2 televisions, 2 printers, keyboard, cheque book u affarijiet ohrajn ghad-dannu ta' Sarah Anita Degiorgio ID: 112285M, Jethro Cuschieri ID: 236878M, Elisabeth Schiriha ID: 345666M u Olivia-Ann Aloisio ID: 424680M u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaqbez l-€2,330 u bil-hin;

2. Volontarjament hassar u ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsara fuq ghamara u bibien, liema hsara teccedi l-€540 ghad-dannu ta' Sarah Anita Degiorgio ID: 112285M, Jethro Cuschieri ID: 236878M, Elisabeth Schiriha ID: 345666M u Olivia-Ann Aloisio ID: 424680M u/jew persuni ohra;

U akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer f'diversi bnadi nhar id-9 ta' April 2012 u fil-granet ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'resoluzzjoni wahda:

3. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza ta' xi grajja kimerika,

ghamel qliegh ta' iktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta' Alfred Gerada, Arthur Rossi, Tarcisio Bonnici, Michael Cutajar u/jew persuni ohra;

4. Iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' diversi cekkijiet, illi meta gew prezentati seta' rcieva bihom hlas jew ha l-kunsinna ta' oggetti, jew gabar depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor mwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

5. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat cioe' diversi cekkijiet propjeta ta' Bank of Valletta b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

6. Xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

7. Gie akkuzat wkoll talli bejn l-4 t'April 2012 u it-8 t'April 2012 f'dawn il-Gzejjer rema skart swill jew zibel u cioe' 2 televisions u monitor ta' dak id-daqs jew f'dik il-kwantita jew ta' dak il-kumulu li wahdu huwa bizzejjed biex jwassal ghat-thassir ta' xi post fil-berah u cioe fl-ibhra Maltin. Kap 206 Art.9 (1A);

8. U akkuzat ukoll talli fl-24 t'April 2012 ghall-habta tal-23:00 fi Triq San Albert il-Gzira ingurja, jew hedded persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe lill-Ispettur Joseph Busuttil waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, Kap 9 Art.95(1);

9. Aktar talli fl-24 t'April 2012 ghall-habta tal-23:00 fi Triq San Albert il-Gzira attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti, (Kap 9 Art.96);

10. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-lejl ghall-habta tal-23:00 kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat jew mod iehor;

11. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala recidiv u dan wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qorti;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligiiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 393)* datata tletin (30) ta' Dicembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat Matthew Camilleri biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b), 261(c), 261(f),278(3), 279(b), 280(2) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 167(1), 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 9(1), 9(1A) tal-Kap 206 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 96(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar 2014 (*a fol. 396)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-30 ta' Dicembru 2013, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi b'digriet tal-Prim' Imhallef Silvio Camilleri tat-tletin (30) ta' Gunju 2015, din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta (Fol. 412).

Rat illi fis-seduta tas-sitta (6) ta' Lulju 2015 il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti milli tisma' x-xhieda kollha li kienu diga' nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta (Fol. 416)

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz wkoll ix-xhieda li gew prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta fil-15 ta' Jannar 2019 (*a fol.* 517*et seq.*) u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Matthew Camilleri prezentata fil-5 ta' Gunju 2019 (*a fol. 819 et seq.*).

Rat id-digriet taghha tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju 2019 fejn din il-Qorti cahdet it-talba tad-difiza sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga (*fol. 681 et seq*);

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li dan il-kaz imur lura ghal 2012, aktar minn seba' snin ilu.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ittenni dak li qalet l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it- tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

> *Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-għbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed*

*għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*[…]*

*Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l- inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

**F'dan il-kaz l-imputat ghandu hafna mit-tort jekk mhux it-tort kollu ta' dan id-dewmien. Dan il-kaz kellu jkun deciz snin ilu li kieku l-imputat ikkopera mal-avukati difensuri tieghu. Il-Qorti tat cans aktar minn darba biex id-difiza tkun tista' twettaq l-inkarigu taghha, anke wara li kien hemm rinunzja mill-avukati originali li kellu l-imputat. Li kieku l-imputat wera hegga daqs kemm wera meta rega' gie arrestat fuq ksur ta' kundizzjonijiet ta' liberta' provizorja, fejn kien prezentat rikors wara l-iehor biex jerga' jinghata l-helsien provizorju, li din il-Qorti ma tatx, biex jaghlaq il-provi tieghu u jdahhal nota ta' sottomissjonijiet fil-hin, kieku din id-decizjoni tallum kienet tinghata xhur ilu.**

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

**<u>RIJASSUNT TAX-XHIEDA</u>**

**<u>Jetro Cuschieri</u>** (Fol. 38 et seq) xehed li huwa ghandu ufficcju f'Baxa Buildings, Valletta Road, Mosta li minnu jirraprezentaw ditta tal-impjanti tal-arja kundizzjonata. Bejn l-erbgha (4) u l-hamsa (5) ta' April 2012, is-segretarja Anita Degiorgio nfurmatu li kienet sabet il-bieb tal-ufficcju sgassat u xi affarijiet neqsin. Bhala affarijiet li instabu neqsin kien hemm zewg printers, petty cash, u laptop bis-software li kien fih. Il-laptop kien jintuza ghax-xoghol u fih kellu d-dettalji tal-klijenti. Insterqu wkoll xi cheque books tal-kumpanija Abel Company Limited. Ix-xhud kien ha hsieb li jinforma lill-bank biex ic-cekkijiet ma jigux onorati. Ix-xhud spjega wkoll li kienu infurmawh mill-bank li kienu dahlu cekkijiet li l-firma taghhom ma kinitx taqbel ma' dik tieghu. Ix-xhud esebixxa wkoll lista tal-affarijiet li insterqu kif wkoll il-valur taghhom. Il-lista kienet tinkludi wkoll il-bank charges li kellu jinkorri hu.

**<u>Olivia Anne Alosio</u>** (Fol. 42 et seq) xehdet li hija tahdem mal-istabbiliment Professional Lighting Design fl-indirizz 4, Baxa Buidling, Number 1. Fil-hamsa (5) ta' April irceviet telefonata minghand huha Duncan Calleja waqt li hija kienet imsiefra u giet infurmata li kienet saret serqa mill-binja. Hija ikkonfermat li lilha kienu insterqulha zewg televisions, keyboard, generator u monitor li kien ma' computer. Qalet wkoll li kienet saret hsara f'sitt (6) bibien peress li dawn gew sgassati. Biex sewwiet l-affarijiet nefqet l-ammont ta' hames mitt ewro (€ 500).

Fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu 2013 ix-xhud esebiet l-ircevuti relattivi ghat-tiswijiet li kienu saru kif wkoll ricevuti relattivi ghall-affarijiet li nsterqu u li kellhom jergghu jinxtraw.

**<u>Elizabeth Sciriha</u>** (Fol. 62 et seq) xehdet li hija Nutara u li ghandha ufficju fi Flat 2, Baxa Buildings, 1, Valletta Road, Mosta. Fil-hamsa (5) ta' April 2012 giet infurmata mis-segretarja tal-ufficju ta' hdejja certa wahda Anita li kienet sehhet serqa mill-binja u li kien ahjar li hija tmur fuq il-post. Sciriha marret fuq il-post u sabet il-hgiega tal-ufficju taghha mkissra. Sabet nieqes monitor gdid li kienet ghadha kemm xtratu xi disghin euro (€90) u wiehed mill-kxiexen tal-iskrivanija taghha kien miftuh. Temmet tghid li hija l-ahhar li kienet l-ufficcju kienet il-gurnata ta' qabel u kienet harget mill-ufficju ghal xi tmienja jew it-tmienja u kwart ta' filghaxija. Spjegat wkoll li hija normalment il-kxiexen kienet thallihom maghluqin ghax kieku tahbat fihom.

**<u>L-Ispettur Joseph Busuttil</u>** (Fol. 65 et seq) xehed li bejn l-erbgha (4) u l-hamsa (5) ta' April 2012 kien xoghol l-ghassa tal-Mosta. Ghal xi d-disgha ta' filghodu (09.00hrs) gie infurmat li kienet sehhet serqa minn gewwa Baxa Buildings, Valletta Road, il-Mosta. Infethet inkjesta bil-Magistrat. Ftit granet wara Jetro Cuschieri ghamel kuntatt mieghu u infurmah li cekk minn tieghu kien ibbounsja. Minn investigazzjoni li saret anke permezz ta' CCTV gie identifikat l-imputat Matthew Camilleri bhala l-persuna li kien ghamel uzu minn dawn ic-cekkijiet. Camilleri gie arrestat. Tul l-istatment li ttiehed lil Camilleri, Camilleri ammetta mal-ispettur li kien hu li seraq izda cahad li kien ghamel xi frodi bic-cekkijiet. Rigward l-affarijiet li kienu insterqu, huwa qal li

dawn kienu nkisru u xi whud minnhom gew mormija l-bahar. L-Ispettur kompla jghid li Camilleri kien indikalu li ma kienx wahdu. Pero' huwa naqas li jikxef min kien hemm mieghu. L-Ispettur irrilaxxa lil Camilleri mill-arrest ghaliex dan qallu li ried imur jara lit-tifel tieghu u barra minn hekk kien weghdu li se jirritorna l-affarijiet li kien ghad kellu ghandu. L-Ispettur tah *letter to call* bl-obbligu li Camilleri jhalli l-affarijiet l-ghassa dakinhar stess u jerga' jmur lura l-ghassa l-ghada. L-Ispettur kompla jghid li Camilleri la ha l-affarijiet u lanqas mar l-ghassa l-ghada filghodu. Anzi minn indagni li ghamel, irrizulta li Camilleri kien siefer lejn l-Ingilterra.

Xi zmien wara Camilleri irritorna lura Malta u ghamel kuntatt mal-Ispettur. Ghalkemm kien hemm ftehim li Camilleri kellu jitressaq l-Qorti fil-gurnata tal-Erbgha, l-Ispettur Busuttil ma fdahx anke ghaliex minn kuntatt li Camilleri kellu wkoll mal-Ispettur Abdilla, Camilleri kien indika lill-Ispettur Abdilla li kien dispost li jitressaq il-Qorti l-gimgha ta' wara. L-Ispettur Busuttil ipproceda bl-arrest immedjat tal-imputat lejliet li kellu jitressaq il-Qorti. Waqt li kien qed isehh l-arrest, l-Ispettur kien anke sejjah ghall-ghajnuna ghaliex Camilleri kien beda jghajjat lill-genituri tieghu biex icemplu lill-Avukat tieghu. L-arrest kien sehh qrib id-dar ta' Camilleri u rizultat tal-ghajjat kienu wkoll ingabru fuq il-post diversi nies.

**<u>L-Ispettur Saviour Baldacchino</u>** (Fol 70 et seq) xehed li f'diversi dati fosthom it-tmienja (8) u l-ghaxra (10) ta' April 2012 kienu saru diversi rapporti minn diversi nies li kienu gew imhallsa ghal diversi affarijiet b'cekkijiet tal-Bank of Valletta. Principalment ir-rapporti saru minn

diversi ricevituri tal-banek tal-lottu li kellhom il-banek f'diversi inhawi madwar Malta. Dawn kienu thallsu b'cekkijiet ta' Abel Company Limited, liema cekkijiet kienu insterqu.

L-Ispettur Baldacchino ha wkoll stqarrija lill-imputat Matthew Camilleri, fl-liema stqarrija Camilleri allega mal-Ispettur Baldacchino li l-Ispettur Busuttil kien weghdu xi vantaggi jekk jammetti. Il-vantagg kien li Camilleri jmur jara lit-tifel. B'riferenza ghall-kwistjoni tac-cekkijiet, l-imputat cahad li kellu x'jaqsam ma' dawn ic-cekkijiet li kienu inhargu. Temm jghid li l-Pulizija kienet waslet ghal Camilleri minn filmati tas-CCTV.

**<u>In kontro-ezami</u>** l-Ispettur wiegeb li hu ma kienx ra ic-CCTV fejn deher Camilleri. Ikkonferma li l-investigazzjoni tieghu kienet tikkoncerna c-cekkijiet. Temm jghid li huwa ma kienx involut fit-tfittxijiet li saru.

Fix-xhieda tieghu tad-dsatax (19) ta' Novembru 2012, l-Ispettur Baldacchino ndika li stills mis-CCTV footage li huwa kien ghamel riferenza ghalihom fix-xhieda tieghu kienu gew esebiti minn Kevin Barbara waqt id-deposizzjoni tieghu.

F'xhieda ulterjuri moghtiha fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju 2013, l-Ispettur Baldacchino esebixxa zewg sentenzi li kienu nghataw fil-konfront tal-imputat mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli.

**<u>Michael Cutajar</u>** (Fol 105 et seq) xehed li huwa ghandu banka tal-lottu fi Triq Testaferrata, Ta' Xbiex. Spjega li huwa kien gie mhallas b'cekkijiet

mill-imputat Matthew Camilleri. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li kien hallsu bic-cekkijiet. Ix-xhud spjega li Camilleri kien qallu li kien jahdem fil-pixxina u li missieru anke kellu takeaway tal-pastizzi. Sussegwentement pero' minn verifiki li kien ghamel minn fuq il-laptop tieghu irrizulta li l-kumpanija li isimha kien fuq ic-cekkijiet kienet tbiegh l-impjanti tal-arja kundizzjonata. Ix-xhud cempel wkoll fuq it-telefon li kien indikat fuq in-naha ta' wara tac-cekk u rrizulta li t-telefon kien jghajjat lil persuna li ma kienx gie jixtri minghandu. Apparti minn hekk hu kien thallas bi tlett cekkijiet u fuq tnejn minnhom in-numri tat-telefon ma qablux. Anke n-numru tal-karta tal-identita li gie moghti x-xhud irrizulta li kien skorrett ghaliex mill-verifiki li ghamlet il-Pulizija r-ritratt abbinat ma' dik il-karta tal-identita kien jirreferi ghall-persuna ohra. Lanqas in-numru tal-karta tal-identita li gie moghti ma kien jirreferi ghall-imputat. Ix-xhud temm jghid li b'kollox l-imputat kien laghab tlett darbiet. Kull darba kien laghab b'mitt ewro (€100). Fl-ewwel zewg okkazzjonijiet l-imputat hallas b'cekk ta' mitt ewro (€100) filwaqt li fit-tielet okkazzjoni hallas b'cekk ta' tlett mija u hamsin ewro (€350). Lill-imputat id-differenza tahielu fi flus kontanti.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud spjega li originarjament l-Pulizija kienu wrewh ir-ritratt tal-persuna li ghaliha kien jirreferi n-numru tal-karta tal-identita fuq ic-cekk u x-xhud kien indikalhom li dak ma kienx il-persuna li kien hallsu bic-cekkijiet. Sussegwentement kienu wrewh ritratt ta' Matthew Camilleri. Ix-xhud gharaf lil Camilleri bhala l-persuna li kien mar ghandu u hallsu bic-cekkijiet. Ix-xhud sar jaf x'jismu ghax staqsa lill-Pulizija. Mistoqsi jekk lil Camilleri kienx talbu l-karta tal-identita, ix-

xhud wiegeb fin-negattiv. Hu kien mghaggel biex jitlaq mill-hanut ghax kien ghadu kemm rcieva telefonata li ommu ma kinitx qieghda sewwa.

__Alfred Gerada__ (Fol. 109 et seq) xehed li huwa jahdem bhala ricevutur tal-lottu. Camilleri – li x-xhud gharaf bhala l-imputat fl-awla – kien mar ghandu biex jilghab. Ried ihallsu bic-cekkijiet. Pero' x-xhud ma riedx. Pero' peress li lahaq ghadda l-hin u l-biljetti ma setghux jigu kancellati, ix-xhud kellu bil-fors jaccetta c-cekkijiet. Meta mar il-bank biex isarraf ic-cekk, ix-xhud sab li dak ic-cekk kien misruq.

__In kontro-ezami__ x-xhud indika li l-imputat kien mar ghandu ghal xi l-hdax u nofs jew nofsinhar. Minkejja li ghandu bosta klijenti, ix-xhud insista li kien gharaf lill-imputat ghax dan kien mar ghandu u kien dam ghandu madwar ghaxar minuti zgur.

__Salvina Rossi__ (Fol. 112 *et seq*) xehdet li zewgha ghandu banka tal-lottu l-Imsida. Qalet li l-imputat – li hija gharfet fl-awla – kien mar ghandhom is-Sibt u laghab zewg kupuni bl-ammont ta' mitt ewro (€100) kull kupun. Huwa kien hallasha b'cekk li kienu ghamlu fuq ir-ragel taghha. Huwa kiteb l-ID Card u n-numru tat-telefon fuq wara tac-cekk. Hija kienet iddepositat ic-cekk il-Bank u xi granet wara dan ic-cekk hija rcevietu lura. Meta marret biex tindaga l-bank ghalfejn ic-cekk kienu baghtuh lura kienu qalulha li c-cekk kien misruq.

__In kontro-ezami__, x-xhud indikat li hija kienet ftakret fl-imputat ghaliex kien laghab ammont ta' mitt ewro (€100) li ma kienx ammont zghir u ma kelliex ammont kbir ta' nies li kienu jilaghbu l-mijiet. Ikkonfermat wkoll

li hija ma kinitx iccekkjat l-karta tal-identita tal-imputat. Mistoqsija jekk il-Pulizija kinux wrewha ritratt, ix-xhud wiegbet li hija kellha ritratt li kienu baghtuhulha permezz tal-email. Ix-xhud qalet li sa fejn tiftakar hi l-Pulizija ma kienux wrewlha ritratt.

Meta regghet xehdet fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Ottubru 2012, Rossi qalet li l-email kien rcevieha r-ragel taghha u li din l-email kien baghtilha l-President tal-Lotto Receivers Union Alfred Muscat.

**Tarcisio Bonnici** (Fol. 114 et seq) xehed li huwa s-sid ta' banka tal-lottu u li darba minnhom Matthew Camilleri li gharfu bhala l-imputat fl-awla kien mar ghandu biex jilghab. Kien laghab bl-ammont ta' sitt mitt ewro (€600). Huwa hallsu permezz ta' cekk li hallihulu fejn il-computer. L-imputat lanqas biss ma tah ic-cekk f'idu. Infatti wiehed mill-klijenti kien gibed l-attenzjoni tax-xhud li l-imputat kien qabad u telaq u hallihielu c-cekk fejn il-kompjuter. Meta mar biex isarraf ic-cekk, dan ma issarrafx u mar jaghmel rapport l-ghassa.

**In kontro-ezami**, x-xhud spjega li meta kien mar il-bank biex isarraf ic-cekk, kienu marru ghalih il-Pulizija biex jarrestawh ghaliex kien qed isarraf ic-cekkijiet foloz. Waqt li kien l-ghassa, il-Pulizija wrewh hames ritratti ta' nies differenti u wiehed minnhom kien ritratt tal-imputat.

**Kevin Barbara** (Fol. 119 et seq) xehed li ghandu banka tal-lottu. L-imputat kien mar ghandu biex isarraf kupun minn dak li kien laghab ghaliex kien rebah it-tim tal-football li l-imputat kien laghab fuqu. Ix-xhud spjega li huwa qaghad jistenna sakemm ir-rebh jigi konfermat mill-

kumpanija u ghaddhielu l-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200) f'rebh. Kompla jghid li l-imputat kellu diversi biljetti li kienu qeghdin jirreferu ghall-istess loghba.

Il-gurnata ta' wara l-imputat rega' mar ghandu din id-darba biex jilghab u jixtri l-biljett minghandu. Ix-xhud spjega li la darba kien ghadu kemm tah il-flus, kien assuma li Camilleri kien sejjer jhallsu bil-flus. Ix-xhud qal li l-imputat beda qisu jittrattjeni biex ihallas fi sforz sabiex jilhqu jghaddu l-hames minuti li matulhom il-loghba tkun tista' tigi kancellata mis-sistema. Infatti beda jilghab loghba wara ohra u imbaghad x'hin gie biex ihallas hariglu c-cekk. Ic-cekk ma tantx kien jidher ghaliex kien qed izommu b'idejh wara dahru. Ix-xhud insista li ma kienx dispost li jaccetta hlasijiet bic-cekk u l-imputat qallu li kien se jmur igiblu l-flus. Ix-xhud spicca b'biljett ta' mitejn ewro (€200) li ma kienx imhallas. Fortunatament pero' gie klijent iehor u rnexxielu jbiegh dan il-biljett lilu. Ix-xhud esebixxa wkoll numru ta' stills li fihom huwa gharaf lill-imputat.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud ikkonferma li l-imputat ma kienx ghaddhielu cekkijiet. Ikkonferma wkoll li l-Pulizija kienu hargu l-istills u li lilu l-Pulizija ma kienux wrewh ritratti.[2]

**<u>Patrick McKarty</u>** (Fol. 157 et seq) spjega li huwa direttur tal-Maltco Lotteries. Huwa kien gie kkuntattjat minn agent peress li kellu xi pagamenti li saru li kellu dubju fuqhom. Id-data kienet is-sebgha (7) ta'

[2] Ghalkemm fil-process giet inserita wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Roderick Agius, mill-verbali din ix-xhieda ma tirrizultax li inghatat fil-proceduri odjerni.

April 2012. Ix-xhud ghamel referenza ghall-email li esebixxa liema emails kienu jindikaw zewg (2) transazzjonijiet li kienu saru ghand l-agent Michael Cutajar. Spjega li mir-records li kien qieghed jesebixxi rrizulta li kienu intlaghbu mitejn ewro (€200) minghand Michael Cutajar u intrebhu mitejn u tmenin ewro (€280) li kienu gew imsarrfa ghand Kevin Barbara f'banka tal-lottu differenti. Transazzjoni ohra kienet turi li intlaghbu hames mitt ewro (€500) ghand Tarcisio Bonnici u gew imsarrfa ghand Kevin Barbara. Fid-disgha (9) ta' April 2012 intlaghbu wkoll elf mija u hamsin ewro (€1,150) u kien hemm rebh ta' ftit aktar minn tlett mitt ewro (€300). Ix-xhud innota li kien hemm pattern f'dawn it-transazzjonijiet kollha precizament li l-loghob kien qieghed isir ghand ricevitur wiehed u l-biljett rebbieh imbaghad kien qieghed jissarraf ghand ricevitur iehor. Innota wkoll li t-transazzjonijiet kienu qeghdin isiru separatament minkejja li kienu identici. Michael Cutajar kien l-ewwel ricevitur li ghamel kuntatt mieghu ghax kellu suspett li c-cekkijiet li kien thallas bihom ma kienux validi.

**Alfred Muscat** (Fol. 166 et seq) xehed li huwa l-President tal-Lotto Receivers Union. Qal li kien gie avvicinat minn xi ricevituri li kien qed imurilhom xi hadd, jilghab xi biljetti u imbaghad jitlob li dawn jithassru meta jiskadi l-hin u imbaghad ihallas b'cheque. Kienu kellmuh b'kollox xi erba ricevituri minn diversi inhawi f'Malta. Huwa kien talab ghal xi forma ta' identifikazzjoni ta' dan l-individwu. Huwa rcieva ritratt minghand Kevin Barbara wiehed mir-ricevituri. Dan ir-ritratt x-xhud ha hsieb jiccirkolah mal-membri kollha tal-kumitat biex imbaghad kull wiehed minnhom jghaddih lir-ricevituri l-ohra li kellu kuntatt

maghhom. Dan kien ritratt ta' individwu li kien qed idur bic-cekkijiet foloz. Ix-xhud xebbah lill-persuna fir-ritratt mal-imputat fl-awla.

**Arthur Rossi** (Fol. 172 et seq) xehed li huwa sid ta' banka tal-lottu. Spjega li f'Marzu jew April 2012, il-mara tieghu kienet avvicinatu u qaltlu li kienu rcivew cekk lura u kellu l-kelma "stolen" miktuba fuqu. Huwa kien ta parir lill-mara biex tmur tkellem lil tal-Bank. Ikkonferma li huwa bhala wiehed mis-sidien ta' banka tal-lottu kien rcieva email fejn ingibdet l-attenzjoni tal-membri biex joqoghdu attenti minn persuna li kienet qed tmur fil-banek tal-lottu bic-cekkijiet. Mal-email kien hemm ritratt. Ix-xhud qal li l-persuna f'dak ir-ritratt kienet tixbah lill-imputat fl-awla.

**Sarah Anita Degiorgio** (Fol. 226 et seq) xehdet li hija tahdem bhala Segretarja ma' Abel Company Limited li ghandha l-ufficju fi Block 1, Baxa Buildings, Valletta Road, Mosta. Spjegat li hija dahlet ghax-xoghol fil-hamsa (5) ta' April 2012 ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghodu u rat l-bieb tal-aluminju miftuh u xi plastik tal-aluminju maqlugh. X'hin telghet fl-ufficju sabet id-dawl mixghul u kien hemm anke hgiega ta' isfel mill-bieba li kienet imkissra. Rat hafna taqlib u ndunat li kienet sehhet serqa. Hija kienet cemplet lid-direttur taghha li imbaghad ghamel kuntatt mal-Pulizija. Kompliet tghid li kienu nsterqu zewg (2) printers, laptop, telephone u anke bejn mitejn u tlett mitt ewro fi flus kontanti.

**In kontro-ezami** x-xhud indikat li l-flus kienu tal-kumpanija u li dawn kienu fil-kexxun. Hija spjegat li kellha mnizzel kemm kien hemm flus kontanti.

**WPC 175 Vanessa Azzopardi** gharfet il-firma taghha fuq il-formola ghar-rigward id-dritt ta' rinunzja ghall-parir legali. Ix-xhud gharfet lill-imputat fl-awla.

**In kontro-ezami** x-xhud ikkonfermat li hija kienet prezenti biss x'hin inghata d-dritt ghall-Avukat. Ma kienitx prezenti meta ttiehed l-istatement.

**Romwald Attard** (Fol. 238 et seq) xehed in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Ikkonferma li c-cekkijiet numri 1291, 1292, 1293, 1294, 1297 u 1327 li kienu hargu minn kont tal-kumpanija Abel Company Limited kienu gew rapportati misruqa fil-hamsa (5) ta' April 2012. Fil-konfront ta' dawn ic-cekkijiet inhareg stop payment.

**Duncan Calleja** (Fol 250 et seq) xehed li huwa hu Olivia Anne Aloisio. Kien gie avvicinat minn sid l-ufficju li ghandu l-ufficju vicin dak ta' ohtu. Dan kien qieghed jipprova jaghmel kuntatt maghha u ma setax jaghmel kuntatt maghha. Kien ghalhekk li huwa kien avvicinah. Ix-xhud spjega li huwa kien mar l-ufficju ta' ohtu u sab li dan kien gie sgassat u nstabu wkoll affarijiet misruqin. Huwa rnexxielu jaghmel kuntatt ma' ohtu. Huwa beda jghidilha x'jista' jkun hemm nieqes minn fuq it-telefon u hija bdiet tikkonferma l-affarijiet li kien hemm neqsin minn fuq it-telefon. L-affarijiet li ohtu bdiet tghid li kienu neqsin kien rahom qabel.

**In kontro-ezami** x-xhud qal li meta kien mar fuq il-post huwa ma kienx ra nies jaharbu jew inkella qed jisirqu xi affarijiet.

**PC 148 Matthew Tonna** (Fol. 256 et seq) xehed li huwa kien xhud tal-istqarrija li kien ta Matthew Camilleri lill-Ispettur Saviour Baldacchino. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla bhala Matthew Camilleri li kien ta l-istess stqarrija lill-Ispettur Baldacchino.

**PC 1582 Mario Spiteri** gharaf il-firma tieghu fuq ir-rinunzja ghad-dritt ta' Avukat da parti tal-imputat Matthew Camilleri.

**WPC 258 Rodianne Camilleri** xehdet li hija kienet xhud ta statement li ittiehed minghand Matthew Camilleri. Ix-xhud gharfet lil Camilleri bhala l-imputat prezenti fl-awla. **In kontro-ezami** kkonfermat li hija kienet prezenti ghall-istatement mill-bidu sal-ahhar.

**Rose La Rosa** (Fol. 276 et seq) xehdet li hija kienet manager tal-fergha tal-Bank of Valletta fl-Msida. Hija kienet rceviet notifika biex isir kuntatt mal-kumpanija Abel Company Limited jekk jigi xi cekk tal-kumpanija biex jissarraf. Dan qabel ma jissarraf. Ix-xhud qalet li kien dahal cekk, ghamlet kuntatt mal-kumpanija u dawn qalulha biex ma jissarrafx. Giet infurmata wkoll li kien se jsir rapport lill-Pulizija. **In kontro-ezami** x-xhud qalet li ma kienitx taf min kien gie bic-cekk tal-kumpanija. Hija sempliciment xehdet fuq l-alert li kienet rceviet.

**Dr Richard Sladden** (Fol. 302 et seq) ipprezenta kopja tar-rapport redatt minnu fl-atti tal-inkjesta magisterjali dwar is-serqa li kienet sehhet minn

blokk ta' ufficini, Baxa Buildings, Triq Valletta, Mosta, Malta. Ghalkemm mir-rapport jirrizulta li x'aktarx li kienet sehhet serqa mill-istess blokk ufficini kif wkoll anke hsara volontarja, ma giex identifikat suspettat jew suspettati li setghu kienu nvoluti fl-akkadut.

**PS 465 Daniel Abela** xehed li kien gie nominat fl-inkjesta magisterjali bhala *scene of the crime officer* b'rabta mal-kaz ta' allegat serq li sehh mill-fond Baxa Buildings, Triq Valletta, Mosta, Malta. Huwa kien ha hsieb ix-xoghol dwar tfittxija ghall-impronti digitali.

**PS 826 Matthew Parnis** (Fol. 348 et seq) wkoll xehed li kien nominat mill-Magistrat Inkwirenti bhala fotografu b'rabta ma' serqa li kienet sehhet mill-fond Baxa Buildings, Triq Valletta, Mosta, Malta. Huwa ha total ta' tlieta u erbghin ritratt li gew esebiti u konfermati bil-gurament minnu stess.

**Graziana Sciberras** (Fol. 405 et seq) xehdet li hija kienet taf lil Matthew Camilleri bhala wiehed mir-residenti fil-programm komunita Santa Marija. Camilleri kien gie riferut lilha mill-habs biex jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga. Spjegat li Camilleri kien qieghed fit-tieni fazi tal-programm u kien sejjer jibda t-tielet fazi fi ftit gimghat. Minn testijiet li kienu hadulu ghall-gharrieda, Camilleri ma kienx irrizulta pozittiv ghad-droga. Ikkonfermat li Camilleri kien sejjer tajjeb waqt il-programm. **In kontro-ezami** x-xhud indikat li t-tielet fazi tal-programm kellha tispicca f'Ottubru u b'hekk l-imputat jkun spicca l-programm kollu. Jista' jkun il-kaz pero' li resident jitlob li jdum aktar fil-programm, liema talba tkun trid tigi accettata.

**Joseph Mizzi** (Fol. 408 et seq) xehed li huwa kien il-Probation Officer ta' Matthew Camilleri u kien segwieh minn Frar 2012 sa Frar 2015. Ghal bidu Camilleri ma tantx kien qieghed jikkoopera mieghu. Camilleri pero' biddel l-attegjament tieghu meta mess mal-habs. Kien hawn li beda jahdem fuq il-problema tad-droga. Ir-reati kienu kollha konnessi mad-droga. Kellu wkoll problema ta' sahha fizika minhabba l-istess problema tad-droga. Sa fl-ahhar beda jaghmel il-programm ta' rijabilitazzjoni u l-probation order waqfet ezatt kif beda l-programm ta' rijabilitazzjoni. Ix-xhud kompla jghid li huwa segwa anke r-relazzjoni ta' bejn Matthew u ommu. Ikkonferma wkoll li l-imputat ghandu wkoll tifel. Ix-xhud temm billi nkoragixxa lill-imputat halli jkompli fit-triq ta' rijabilitazzjoni li kien qabad.

**Saviour Lia** (Fol. 424 et seq) li kien gie mahtur mill-Qorti sabiex jirrediegi social inquiry report fuq l-imputat xehed li Camilleri kellu diversi kazi l-Qorti u fil-fatt l-kondotta tieghu hija wahda refrattarja. Spjega li l-problemi tal-imputat bdew meta kellu madwar tlettax (13) -il sena. Huwa beda jabbuza mill-kannabis u fi ftit snin beda anke jabbuza mill-kokajina. Il-problema tad-droga kompliet kibret u beda anke jirrikorri ghall-kriminalita' biex jissostanzja l-vizzju tieghu. Kompla jghid li l-imputat ghamel diversi snin l-habs jiskonta s-sentenzi relatati mad-diversi reati li huwa kien wettaq. F'Jannar 2015 huwa beda anke programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga. Meta mbaghad pero' wasal fil-fazi sabiex huwa johrog ghax-xoghol sarlu test u instab li kien pozittiv ghad-droga. Huwa ghalhekk rega' ntbaghat il-habs. Minkejja li kien twaqqaf mill-programm, l-imputat zamm kuntatt regolari ma' clinical

psychology practitioner. Ix-xhud qal wkoll li fil-passat l-imputat kellu impjiegi. Pero' qatt ma kien idum jahdem ghal zmien twil f'dak l-impjieg li kien ikollu. Ix-xhud insista li l-imputat ried jindirzza bis-serjeta l-vizzju tad-droga specjalment meta jigi biex johrog mill-habs. Ix-xhud indika wkoll li jkun ahjar li l-imputat jigi assessjat minn psikologu forensiku sabiex ikun jista' jigi determinat x'aspetti jehtieg li jindirizza anke minhabba r-record kriminali tieghu (personality assessment).

**Dr Kevin Sammut Henwood** (Fol. 469 et seq) xehed li lill-imputat Matthew Camilleri huwa kienu ilu jafu madwar ghaxar (10) snin. Mis-sessjonijiet li huwa zamm mieghu wara l-inkarigu li inghata mill-Qorti, ix-xhud indika li l-imputat kien qed isofri minn anti-social personality disorder. Hija kundizzjoni li iggieghel l-individwu jahseb li kullhadd irid jaghmillu l-hsara. B'reazzjoni ghal dan, persuna li tkun tbaghti minn din it-tip ta' kundizzjoni tipprova taghmel il-hsara hija l-ewwel qabel haddiehor jaghmlilha l-hsara. Kien hemm sforz da parti tal-imputat li huwa jipprova jirriforma ruhu u kien anke beda programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga. Ix-xhud temm jghid li mill-informazzjoni li rnexxielu jigbor l-imputat sewwa xi ftit il-hsara li kellu ma tal-familja u jidher li anke se jkollu xoghol la darba johrog mill-habs.

**Ikkunsidrat:**

- **Kunsiderazzjonijiet Legali Generali Applikabbli ghall-Kaz Odjern**

Kif din il-Qorti kellha opportunita li tosserva f'diversi pronuncjamenti taghha, huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**,[3] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni **hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju**. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Il-Qorti tal-Appell ghamlet riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension:** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least*

[3] Deciza fil-5 ta' Dicembru 1997

*probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*[4]

- **<u>L-Inamissibilita tal-Istqarrijiet Moghtija mill-Imputat</u>**

Qabel xejn jehtieg li jigi indirizzat mill-Qorti l-argument imressaq mid-difiza li l-istqarrijiet moghtija mill-imputat huma inammissibbli bhala prova fid-dawl tal-fatt li l-imputat ma kienx assistit minn avukat tal-fiducja tieghu **<u>waqt l-ghoti tal-istqarrija</u>** u allura dan illeda d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq.

Mill-atti jirrizulta li l-imputat rrilaxxa zewg stqarrijiet wahda fid-disgha (9) ta' April 2012[5] u ohra fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tal-istess istess sena.[6] Tali stqarrijiet ittiehdu wara li l-imputat ngħata is-solita twissija skont il-liġi kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu. Fir-rigward tal-ewwel stqarrija, l-imputat irrifjuta li jkellem avukat tal-fiducja tieghu filwaqt li ghar-rigward it-tieni stqarrija huwa ghazel li jikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu ta' dak iz-zmien Dr Gianluca Caruana Curran.

**<u>Madankollu, l-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tieghu, stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern</u>**. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal- Avviż Legali 401 tal-2016.

4 1974 - ALL Er 372
5 Fol. 29 et seq.
6 Fol. 23 et seq.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali e**t. Ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill- pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih. Dan in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l- interrogatorji *tiegħu:*

> *"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l- istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-*

*Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali."*

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali.

Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet Il-**<u>Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal- imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan

għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti mbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Il-**<u>Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l- interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konkluzjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**:

> *"14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill- istqarrija fil-*

*proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

L-istess linja ta' hsieb ghandha ghalhekk tapplika fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti. Fic-cirkostanzi l-istqarrijiet tal-imputat odjern ghandhom jitqiesu bhala lezivi tad-drittijiet tieghu u ghalhekk inammissibbli u dan anke fid-dawl tas-sentenzi u pronuncjament supra citati. **Ghalhekk il-Qorti sejra tiskarta l-istqarrijiet tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrijiet li saru fix-xhieda u fl-atti processwali bħala kompletament inammissibbli.**

**Ikkunsidrat:**

Maghmulin dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra issa tezamina l-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju tieghu.

- **L-Ewwel Imputazzjoni Rigward Serq - L-Artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 278(3), 279(b), 280(2) u 289 tal-Kodici Kriminali**
- **It-Tieni Imputazzjoni Rigward Hsara Volontarja - L-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali**

- **<u>Is-Seba' Imputazzjoni dwar Rimi ta' Skart - L-Artikoli 9(1) u 9(1)(A) tal-Kap. 206</u>**

B'riferenza ghal dawn l-imputazzjonijiet ghandu jinghad minghajr tlaqlieq li mill-atti processwali jirrizulta li l-Prosekuzzjoni kienet qeghda tistrieh ghal sejbien ta' htija limitatament fuq dak li l-imputat allegatament qal waqt l-istqarrijiet tieghu.[7] La darba tali stqarrijiet ma jistghux jigu kunsidrati in vista ta' dak espost aktar 'l fuq f'din is-sentenza, il-kaz ta' Prosekuzzjoni vis-a-vis dawn l-imputazzjonijiet huwa wiehed monk. L-atti huma ghal kollox sajmin minn provi ohra li jistghu b'xi mod jorbtu lill-imputat mas-serq li gie kommess mill-fond Baxa Buildings, Triq Valletta, Mosta kif wkoll mal-hsara li giet arrekata fl-istess fond u rimi ta' oggetti fil-bahar. Il-Qorti tissenjala s-segwenti:

(a) mill-atti tal-inkjesta magisterjali, l-imputat ma gie fl-ebda hin identifikat bhala suspettat jew irrizulta minn xi provi cirkustanzjali li jista' jkollu x'jaqsam ma' tali serqa u/jew mal-hsara volontarja li saret fil-propjeta fejn sehhet is-serqa u/jew inkella mar-rimi tal-oggetti misruqa;

(b) fuq il-post fejn sehh ir-reat ma instab xejn li seta' jindika li f'xi hin l-imputat Matthew Camilleri kien dahal fil-post. L-impronti digitali li gew elevati mill-espert forensiku ma gewx attribwiti lill-imputat Matthew Camilleri u ghalhekk ma tezisti l-ebda

[7] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija, fol.519, is-sitt (6) paragrafu.

prova li tindika li Matthew Camilleri seta' kien involut fis-serqa li sehhet u fil-hsara li saret;

(c) il-fatt li Matthew Camilleri ghamel uzu minn cekkijiet li kienu gew misruqa bl-ebda mod ma jista' jattribwixxi htija awtomatika ghar-reat tas-serq. Fl-aghar ipotesi dan jista' jindika li jezistu l-fattispecie relatati ghar-reat ta' ricettazzjoni. Pero' din il-Qorti hija prekluza li tezamina jekk il-fatti specie li irrizultaw mill-atti jammontawx ghal tali reat ta' ricettazzjoni in vista tal-fatt li tali imputazzjoni ma inghatatx u l-artikolu 334 li jistabilixxi r-reat ta' ricettazzjoni ma giex indikat bhala wiehed mill-artikoli li abbazi tieghu tista' tinstab htija fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju tal-Avukat Generali;

(d) Jekk wiehed wkoll jelimina l-istess stqarrija, ma ngabet l-ebda prova ohra li tindika li Matthew Camilleri kien b'xi mod rema xi oggetti fil-bahar skont kif allegat fl-akkuza.

Fid-dawl tas-suespost, il-kaz tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet suriferiti m'ghandux pedamenti sodi u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija fl-ewwel (1), fit-tieni (2) u fis-seba' (7) imputazzjoni u ghaldaqstant sejra tillibera lill-imputat minnhom.

- **<u>L-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali – Frodi b'Ghemil Qarrieqi</u>**

Riassunt dettaljat tal-elementi necessarji biex jigu ravvisati r-reati taht l-artikolu 308 u 309 taghtih din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marvin Pavia</u>** deciza fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju 2010. Ikun opportun ghal dan il-kaz li tigi ikkwotata l-esposizzjoni legali maghmula minn din il-Qorti diversament preseduta:

*"Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l-uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew aktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Charles Zarb</u>**, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward tal-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat: "Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u*

*fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min: a. b'mezzi kontra l-ligi, jew b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew c. ta' kwalifiki foloz jew d. billi jinqeda b'qerq iehor u e. ingann jew f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen lezistenza ta' intraprizi foloz, g. jew ta' hila h. setgha fuq haddiehor jew i. ta' krediti immaginarji jew j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor. ….*

*Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …." Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez. XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene"*

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien. Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22 ta' Ottubru 2004): "L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto.*

*Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiteri** deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar 2003 il-Qorti kienet irrimarkat b'rabta mar-reat kontemplat fl-artikolu 308 li: *"Il-ligi iktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapporti patrimonjali individwali, hawn qed tittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel. Biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, il-manuvri jew raggiri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jkunu frawdolenti u li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li jqajmu s-sentimenti ohra msemmija mill-ligi. Biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, ghal-dawk li huma artifizji mhumiex bizzejjed is- semplici gidba, izda jehtieg li jkun hemm wkoll l-apparat estern li jaghti fidi lil dik il-gidba. Irid ikun hemm dik l-impostatura li tikkostringi lil dak li jkun li jemmen, li tnehhi kull suspett u li tipparalizza d-diligenza ta' l-iffrodat u tissorprendilu l-buona fede tieghu."*[8]

L-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla r-reat minuri tal-frodi innominat. F'dan l-artikolu, l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dan r-reat. Pero dan xorta irid bil-fors iwassal sabiex

[8] Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Debattista** Appell Kriminali deciz fit-8 ta' Marzu 1995; Il-**Pulizija vs Giuseppe Schrainer** deciza fit-3 ta' Marzu 1956; Il-**Pulizija vs Sammut** deciza fis-16 ta' Marzu 1999; Il-**Pulizija vs Willoughby** deciza fit-12 ta' Frar 1999; Il-**Pulizija vs Debattista** deciza fl-20 ta' Settembru 1990.

il-vittma u cioe' s-suggett passiv ta' dan r-reat isofri xi telf patrimonjali.

Minn ezami tal-atti processwali, huwa car li l-imputat ikkreja skema ta' kif huwa kien qieghed jirnexxielu jipperswadi lid-diversi sidien tal-banek tal-lottu biex jaccettaw ic-cekkijiet li huwa kien qieghed jaghmel uzu minnhom biex ihallas ghal-loghob li huwa ried jilghab. Mix-xhieda tad-diversi ricevituri tal-lottu, hareg bic-car il-*modus operandi* (li fil-fehma tal-Qorti jammontaw ghal artifizji) li kien qieghed juza l-imputat sabiex huwa jottjeni qliegh illecitu bis-sahha ta' cekkijiet li kienu gew misruqa u li l-Prosekuzzjoni gabet prova li kienu gew effettivament misruqa, anke ghaliex dahal rapport il-Bank of Valletta dwar dan:

(a) L-imputat kien qieghed imur f'banek tal-lottu differenti biex huwa ma jattirax fil-ghajn. Ma kienx qieghed jaqa' fuq l-istess ricevitur tal-lottu kull darba;

(b) L-imputat kien konxju li meta huwa kien qieghed jilghab il-loghob tal-UBET, hekk kif jigi registrat l-kupun tal-loghob wara hames minuti l-kupun ma jkunx jista' jithassar mis-sistema u allura dan ikun irid jithallas bil-fors. Kien ghalhekk qieghed ihalli dak il-hin jghaddi biex ir-ricevitur jkollu imbaghad jaccetta l-hlas bic-cekk bil-fors;

(c) Ipprova jaghti l-impressjoni li huwa kien involut fin-negozju u anke jahdem go postijiet differenti meta fil-verita ma kienx.

Michael Cutajar xehed li: *"Lili qalli li jahdem fil-pixxina, ghandu take away tal-pastizzi missieru . ."*[9]

(d) Fuq in-naha ta' wara tac-cekk kien anke jindika n-numru tal-karta tal-identita "tieghu" u anke numru tat-telefon sabiex aktar jaghti kredibbilita lill-azzjoni tieghu u b'hekk "iserrahlu" mohh ir-ricevitur li ma kellux ghalfejn jinkwieta ghaliex kien qieghed ihallsu bic-cekk;

(e) Fil-kaz tar-ricevitur Kevin Barbara, l-imputat l-ewwel kien mar ghandu biex isarraf il-kupuni li kienu rebhulu. Imbaghad l-ghada mar ghandu biex jilghab. Ipprova jaghtih l-impressjoni li kien se jhallas fi flus kontanti, anke ghaliex il-gurnata ta' qabel kien gabar xi flus li kien rebah minghandu. Infatti ipprova jahbi l-ktieb tac-cekkijiet wara dahru biex ma jidhirx fi sforz sabiex jilhaq jghaddi l-hin halli imbaghad l-kupuni ma jkunux jistghu jigu kancellati. Infatti meta imbaghad Barbara ma accettax ic-cekkijiet, l-imputat qallu li kien se jmur igiblu l-flus izda imbaghad ma regax deher 'l hemm.

(f) Minhabba din l-iskema li kien qieghed juza l-imputat u li permezz taghha ingidmu numru ta' ricevituri tal-lottu, inhass il-bzonn li jigu infurmati r-ricevituri kollha tal-lottu permezz tal-membri tal-Kumitat li jirraprezenta l-interessi taghhom biex ovvjament ma jaqghux ghal din l-iskema.[10] Fil-fatt kienet anke giet cirkolata

[9] Fol. 106
[10] Ara xhieda ta' Alfred Muscat a fol. 166 tal-process.

email b'ritratt tal-imputat kif sewwasew anke ikkonferma Alfred Muscat.

Anke li kieku ghall-grazzja tal-argument dak indikat aktar 'l fuq kellu jitqies li ma jammontax ghal raggiri jew artifizji, xorta jirrizulta bic-car li l-imputat ghamel qliegh b'qerq ghad-dannu ta' diversi ricevituri tal-banek tal-lottu.

L-element tal-qliegh wkoll jinsab sodisfatt. Kif anke jirrizulta mix-xhieda ta' Patrcik McKarty rapprezentant tal-Maltaco Lotteries, bil-loghob li laghab l-imputat u li ghalihom hallas b'cekkijiet li eventwalment ma issarfux mir-ricevituri, l-imputat irnexxielu jirbah ammonti fi flus kontanti liema ammonti huwa imbaghad gabar minn banek tal-lottu differenti.[11] Fil-kaz wkoll ta' Michael Cutajar irnexxielu wkoll jaghmel qliegh billi huwa tah cekk li ma giex kollu uzat biex tithallas il-loghba u l-kumplament Cutajar tahulu fi flus kontanti.

L-element intenzjonali li l-imputat ried bil-fors iqarraq bil-vittmi tieghu jirrizulta wkoll mill-mod ta' kif hu ried akkost ta' kollox ihallas bic-cekkijiet. F'kaz partikolari sahansitra lanqas ghadda c-cekk direttament lir-ricevitur izda sempliciment qabad u halla c-cekk fejn il-kompjuter u telaq. Apparti minn hekk huwa ma kienx imur jipprova jsarraf il-biljett rebbieh fl-istess banka tal-lottu minn fejn ikun xtrah izda minn banka tal-lottu differenti. Dan apparti wkoll il-fatt li l-kupuni kien qieghed jimlihom separatament ghalkemm huwa kien ikun qieghed jaghmel l-istess imhatra fi sforz sabiex jipprova ma jattirax attenzjoni. Patrick

[11] Ara xhieda a fol. 157 – 160 tal-process.

McKarty infatti xehed: *"Bhala ammonti l-fatt li perezempju ghandna wahda hawnhekk li qieghed maqsuma fuq hamsa, l-player seta' laghab facilment loghba wahda ta' hames mitt ewro. Fil-fatt laghab l-istess logba hames darbiet. Dik tindika biex ma tidhirx fis-sistema pero ahna dawk xorta naqbduhom speci not to raise an alarm. Meta l-ammont ikun ikbar. L-ikbar ammont kien intlaghab fin-9th April li hawnhekk hawn ghaxar loghbiet ta' mitt ewro -il wahda. Igifieri elf ewro imqassmin fuq ghaxar bets. Mhux normali."*[12]

L-identita tal-imputat giet konfermata b'certezza mir-ricevituri. Kevin Barbara sahansitra pprezenta ritratti mehuda mic-CCTV tal-banka tieghu minn fejn jidher l-imputat li mar ghandu biex isarraf il-kupuni li kienu rebhuh. Barbara gharaf wkoll lill-imputat fl-awla.

It-tielet imputazzjoni ghalhekk giet pruvata sal-grad li trid il-ligi.

- **L-Artikolu 167(1) u 169 tal-Kodici Kriminali**

L-artikolu 167(1) jistabilixxi li: *"Kull min jiffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlettax -il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha."*

Dan l-artikolu huwa pjuttost car fil-portata tieghu u jattribwixxi responsabbilita kriminali ghal min jiffalsifika xi wiehed mid-dokumenti

[12] Fol. 159 tal-process.

indikati fl-artikolu. Fil-kaz in ezami huwa car li l-imputat iffalsifika firem fuq cekkijiet li kienu insterqu minghand il-kumpanija Abel Company Limited. B'mod partikolari huwa iffirma l-istess cekkijiet meta ma kienx awtorizzat li jiffirma l-istess b'mod li dawn l-istess dokumenti setghu jintuzaw bhal li kieku kienu gew iffirmati regolarment minn rapprezentanti tal-kumpanija Abel Company Limited. L-imputat ma llimitax ruhu biss billi fuq ic-cekkijiet jaghmel firma li ma kinitx awtorizzata izda wkoll sahansitra ghamel uzu minn dawn ic-cekkijiet f'diversi banek tal-lottu madwar Malta u bihom hallas ghal diversi loghbiet tal-UBET. Ghalhekk jirrizulta wkoll r-reat kontemplat taht l-artikolu 169 tal-Kodici Kriminali, li jattribwixxi responsabbilita kriminali ghal min jaghmel uzu minn tali dokumenti. Il-kwalifika principali tal-artikolu 169 hija li l-uzu irid isir **xjentement** mill-individwu.

**Xjentement (*Knowingly*)**

Fir-rapport dwar il-kaz **Taylor's Central Garages (Exeter) Limited v Roper**[13] Devlin J jaghti numru ta' osservazzjonijiet dwar it-tifsira tal-kelma xjentament "*knowingly*" u kif tkun stabbilita x-xjenza f'kaz kriminali:

> "*It seems to me to be very important in cases of this sort that lay justices, who are not necessarily very skilled in the handling of evidence and in the drawing of distinctions which the law requires to be drawn, should have explained to them by the prosecution, where the burden is*

[13] Local Government Review Reports volume 115, page 445

*on the prosecution, exactly what sort of knowledge the prosecution desires to be found. There are, I think, three degrees of knowledge which it may be relevant to consider in cases of this sort. The first is actual knowledge, and that the justices may infer from the nature of the act that was done, for no man can prove the state of another man's mind, and they may find it, of course, even if the defendant gives evidence to the contrary. They may say: 'We do not believe him. We think that was his state of mind.' They may feel that the evidence falls short of that, and, if they do, they have then to consider what might be described as knowledge of the second degree. They have then to consider whether what the defendant was doing was, as it has been called, shutting his eyes to an obvious means of knowledge. Various expressions have been used to describe that state of mind. I do not think it is necessary to describe it further, certainly not in cases of this type, than by the phrase that was used by Lord Hewart CJ, in a case under this section, Evans v Dell (1). What the Lord Chief Justice said was: 'The respondent deliberately refrained from making inquiries, the results of which he might not care to have.'*

*"The third sort of knowledge is what is generally known in law as constructive knowledge. It is what is encompassed by the words 'ought to have known' in the phrase 'knew or ought to have known.' It does not mean actual knowledge at all, it means that the defendant had in effect the means of knowledge. When, therefore, the case of the prosecution is that the defendant failed to make what they think were reasonable inquiries it is, I think, incumbent on the prosecutor to make it quite plain what they are alleging. There is a vast distinction between a state of mind which consists of deliberately refraining from*

*making inquiries, the result of which the person does not care to have, and a state of mind which is merely neglecting to make such inquiries as a reasonable and prudent person would make. If that distinction is kept well in mind, I think justices will have less difficulty in determining what is the true position. The case of shutting the eyes is actual knowledge in the eyes of the law; the case of merely neglecting to make inquiries is not actual knowledge at all, but comes within the legal conception of constructive knowledge, which is not a conception which, generally speaking, has any place in the criminal law."* [14]

Il-*Crown Prosecution Service* (CPS) jaghti din l-ispjega ta' "knowledge":

*Implied knowledge for the summary offences includes actual subjective knowledge proven by evidence but it may also include wilful blindness. It is always open to a tribunal of fact to base a finding of knowledge on evidence that the defendant had deliberately shut his eyes to the obvious or refrained from inquiry because he suspected the truth but did not want to have his suspicion confirmed* ***Westminster City Council v Croyalgrange Ltd*** *83 Cr. App. R.155.*

*In* ***Flintshire CC v Reynolds*** *[2006] EWCH 195 (Admin) it was alleged that Mrs Reynolds had knowingly produced information she knew to be false in a material particular for the purpose of obtaining a benefit or other payment or advantage. Mrs Reynolds evidence was that she signed the form completed by her husband without reading it. It was held that constructive knowledge is not enough to demonstrate that*

[14] Ibid. pg 449

*something has been done knowingly in the context of a criminal statute (in this instance section 112 SSAA 1992).*

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell fl-Ingilterra fl-ismijiet ***Regina vs Hilda Gondwe Da Silva*** il-kelma suspett inghatat is-segwenti tifsira:

> ***"The word suspect means that the defendant must think that there is a possibility, which is more than fanciful, that the relevant facts exist. A vague feeling of unease would not suffice."***

Il-kelma '*xjentement*' fl-imputazzjoni odjerna hawnhekk tfisser li jrid ikun hemm kemm intenzjoni specifika kif ukoll dik generika. **Manzini** fil-fatt jaghti spjegazzjoni taz-zewg tipi ta' *mens rea* f'dan id-dolo. Huwa jsostni li:

> "*il dolo generico consiste nella volonta` cosciente e libera e nell'intenzione di compiere la falsificazione sapendo di agire senza diritto*",

Filwaqt li:

> "*dolo specifico ha come fine di procurare a se o ad altrui un vantaggio o di recare ad altri un danno.*"

Ir-reat in ezami jirrikjedi l-element intenzjonali. Kif qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta:

> *Il-kelma 'xjentement' .... tfisser li jrid ikun hemm kemm intenzjoni specifika kif ukoll dik generika. Manzini fil-fatt jaghti spjegazzjoni taz-*

*zewg tipi ta' mens rea f'dan id-dolo. Huwa jsostni li: "il dolo generico consiste nella volonta` cosciente e libera e nell'intenzione di compiere la falsificazione sapendo di agire senza diritto", filwaqt li: "dolo specifico ha come fine di procurare a se o ad altrui un vantaggio o di recare ad altri un danno.*[15]

Huwa principju fundamentali fil-ligi Kriminali u ben ribadit fil-gurisprudenza taghna li sabiex wiehed jinstab hati ta' reat, mhux bizzejjed illi jigi ppruvat l-element materjali izda huwa necessarju li jigi ppruvat l-element formali: *Actus Non Facit Reum Nisi Mens Sit Rea.* Fis-sentenza ***il-Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), il-Qorti tal-Appell qalet li:

*huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali.*[16]

Dan l-element huwa ghal kollox sodisfatt ghaliex l-istess firma falza fuq ic-cekkijiet kienet saret mill-imputat inniffsu, l-imputat kien jaf li tali cekkijiet ma kinux tieghu tant li kien gew rappurtati misruqa lill-Bank minn terzi u l-imputat inniffsu kienu qieghed jaghmel uzu huwa stess minn tali cekkijiet. Jigi specifikat li r-reati taht l-artikoli 167(1) u 169 tal-

[15] Il-**Pulzija vs Raimondo Farugia** deciza 20.09.2015.
[16] Deciza nhar il-31.05.2001.

Kodici Kriminali huma reati **distinti minn xulxin** u wiehed mhux kompriz u involut fl-iehor.

Ir-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni ghalhekk jirrizultaw pruvati.

- **L-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali**

Ghar-rigward l-artikolu 183 tal-Kap. 9, dan jikkontempla falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku. Dwar dan l-artikolu Il-Professur Anthony Mamo fin-noti tieghu jispjega li: *"The definition of the Crime ……. requires that the instrument-the object of the perjury shall be not merely public but also authentic. In other words, it is not every act drawn up or received by a public officer in the discharge of his functions that can be the object of this crime; but only such of these acts as are drawn up or received by him and to which he is legally authorised to attribute public faith. A public officer does not render an instrument 'public' and authentic merely because the instrument originates from him, he so renders it when he draws it up or receives it with the requisite formalities and lawfully attributes public faith to it.*

*Commercial and private bank documents are treated in the same manner as public and authentic instruments in respect of their forgery under this section. This severe treatment is necessary in view of the speed with which these documents are destined to circulate for the uses of trade and the good faith which is, therefore, an essential condition thereof."*[17]

[17] Mamo A. Notes on Criminal Law, Vol. II pagni 176-177.

Kif gia' sottolinejat aktar qabel f'din is-sentenza, irrizulta li l-imputat ghamel firem foloz fuq cekkijiet li huma fl-ahhar mill-ahhar dokumenti mahruga minn bank kummercjali (il-Bank of Valletta f'dan il-kaz) li jaghtu hajja lil relazzjoni kummercjali ta' hlas fil-konfront tal-individwi li lilhom l-istess cekkijiet jkunu indirizati. Fi kliem semplici dawn il-firem foloz setghu wasslu sabiex jinholoq obbligu bejn il-Bank, ir-ricevitur tal-lottu u l-kumpanija Abel Company Limited fis-sens li l-Bank kien sejjer ikun obbligat li jhallas lir-ricevituri tas-servizzi li huma "taw" lill-kumpanija Abel Company Limited minn fondi tal-istess kumpanija Abel Company Limited. Il-hlas pero' ma setax jigi affettwat ghaliex Abel Company Limted lahqet infurmat il-bank bis-serq tac-cekkijiet. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-hames (5) imputazzjoni tirrizulta wkoll sodisfacentement ippruvata.

- **L-Artikoli 95(1) u 96(a) tal-Kodici Kriminali**

Apparti l-fatt li l-artikolu 95(1) ma jezistix fil-Kodici Kriminali u l-uniku artikolu li hemm huwa l-artikolu 95, ma ingabet l-ebda prova li l-imputat hedded, ingurja jew ghamel xi forma ta' offiza fuq il-persuna ta' xi hadd mill-pulizija li ipprocedew ghall-arrest tieghu. Kif jixhed l-Ispettur Busuttil, l-arrest sehh minghajr l-ebda problema: il-pulizija qaghdu ghassa tieghu u kif kien il-waqt ipprocedew ghall-istess arrest u minn hemm haduh id-Depot. Il-fatt li l-imputat beda jghajjat liema kliem kien indirizzat biss fil-konfront tal-genituri tieghu bi struzzjonijiet specifici biex icemplu lill-avukat tal-fiducja tieghu bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jitqies li jammonta ghal xi forma ta' ingurja fuq il-persuna ta' xi wiehed mill-ufficjali pubblici prezenti.

Aktar u aktar lanqas ma jista' jitqies li jirrizultaw il-fattispecie kontemplati taht l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. Ma sar l-ebda hebb jew attakk fil-konfront tal-Pulizija. Infatti l-Ispettur Joseph Busuttil fix-xhieda tieghu spjega li huwa kien talab ghall-assistenza ta' Pulizija ohra sabiex jkun *"on the safe side"*[18] u ghal ebda raguni ohra. Din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghal dak li qal l-Imhallef Harding fis-sentenza **Il-Pulizija vs John Mallia** deciza fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 1960:

*"Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest".*[19]

Fil-kaz in ezami l-imputat fl-ebda hin ma refa' idejh fuq il-Pulizija; anzi lanqas ma irrizulta li qal xi kliem oltraggjuz jew kliem ta' theddid fil-konfront tal-Pulizija.

Ghalhekk din il-Qorti lanqas sejra issib htija fit-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjonijiet.

---

[18] Fol. 69

[19] Ara wkoll sentenza Il-**Pulizija vs Jerken Decelis** deciza fit-22 ta' Novembru 2013 minn din il-Qorti diversament preseduta (Kaz Numru 894/2013).

- **L-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9**

Din il-kontravvenzjoni tirrizulta stante li kif xehed l-Ispettur Busuttil mal-arrest tieghu – li sehh ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl - l-imputat beda jghajjat b'mod qawwi tant li kemm ommu u missieru kif wkoll huh hargu barra fit-triq. L-ghajjat ghalhekk kien tali li kiser il-mistrieh tan-nies.

- **L-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9**

Din il-kontravvenzjoni ma tirrizultax stante li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' April 2012, ma ingabet l-ebda prova li l-imputat kien inghata xi ordnijiet mill-pulizija u huwa m'obdiex l-ordnijiet li huwa inghata. L-unika ordni li kiser l-imputat kien li l-ghada li kien gie mitkellem mill-Ispettur Busuttil[20] u cioe fl-ghaxra (10) ta' April. Camilleri huwa kellu jmur lura l-Ghassa skont kif kien ordnalu l-istess Spettur Busuttil. Tali ordni l-imputat ma segwihiex skont kif xehed l-Ispettur Busuttil. Anzi irrizulta li l-istess imputat kien siefer minn dawn il-gzejjer u mar l-Ingilterra. L-akkuza kif formulata pero qeghda tirreferi ghad-data tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' April 2012 u mhux ghall-ghaxra (10) ta' April u hija ghal din ir-raguni li ma tistax tinstab htija.

- **L-Akkuza tar-Ricediva**

Din l-akkuza wkoll tirrizulta ippruvata. Giet prezentata l-fedina penali u aktar minn hekk xi whud mis-sentenzi li ghalihom hemm referenza fil-

[20] Huwa kien gie mitkellem fid-disgha (9) ta' April 2012.

fedina penali. Gie stabbilit wkoll li l-konnotati tal-imputat odjern jaqblu mal-istess konnotati indikati fl-istess sentenzi.[21] Il-Qorti ghalhekk m'ghandha l-ebda dubju li l-imputat odjern kien wkoll l-imputat fil-proceduri l-ohra li gew konkluzi. Mill-provi prodotti irrizulta wkoll li ghadu m'ghaddiex it-terminu impost mil-ligi biex l-akkuza tar-ricediva ma tirrizultax.

- **<u>Kunsiderazzjoni dwar Piena</u>**

Ghalkemm irrizulta li l-imputat ghandu problema serja tad-droga u anke kien qed jaghmel tentattivi biex johrog minn din il-problema, jidher li huwa ghadu ma hax dan bizzejjed bis-serjeta. Infatti sahansitra tkecca mill-ahhar fazi ta' programm ta' rijabilitazzjoni ghax irrizulta pozittiv ghad-droga. Il-Qorti wkoll ma tistax ma tinnutax li l-fedina penali tal-imputat hija wahda refrattarja ghall-ahhar b'pagni u pagni ta' kundanni. L-imputat inghata kemm -il possibilita li jaqbad it-triq tar-riforma. Pero kull darba rema l-opportunitajiet li huwa kien inghata.

Fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz, ladarba l-imputat stess ma kienx ha l-opportunita mogħtija lilu, jrid jifhem li jrid jgħin ruħu biex Alla jgħinu.

L-imputat ma jistax jippretendi li l-Qorti tagħlaq għajnejha għal dan il-fatt.

[21] Ara Fol. 280 et seq.

Is-socjeta` jixirqilha protezzjoni minn persuni bhal l-imputat li jahseb li jista' jghaddi biz-zmien lil-qrabatu, lil min prova jaghtih l-appogg u l-kura u lil Qrati.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti temmen li l-piena karcerarja effettiva hija inevitabbli fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) Mhux qieghda issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tas-sebgha (7), tat-tmienja (8), tad-disgha (9) u tal-hdax (11) - il imputazzjoni u ghalhekk qieghda tilliberah minnhom;

(b) U wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 308, 309, 310(1)(a), 167,(1), 169, 183, 184, 338(m) u 533 qeghda issib lill-imputati hati tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitta (6), tal-ghaxar (10) u tat-tnax (12) l-imputazzjoni u qieghda tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) snin prigunerija.

Il-Qorti tordna wkoll lill-imputat Matthew Camilleri sabiex a tenur tal-aritkolu 533 tal-Kodici Kriminali ihallas l-ammont totali sitt mitt ewro (€600)[22] rapprezentanti spejjez ta' esperti li gew inkorsi fil-proceduri odjerni. Il-Qorti mhux tikkundannah ghall-ispejjez tal-esperti li nhatru

[22] Dr Keven Sammut Henwood €600

dwar is-serqa mill-Mosta stante li l-imputat gie illiberat mill-imputazzjonijiet marbuta ma' dak il-kaz.

---

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**